MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2017

Rikors Maħluf Numru 1026/14LM

**Carmel Parnis (K.I. 731551M) u martu Grace Parnis (K.I. 98353M)**

***vs.***

**FRAD Limited (C37848) u Alfred Vella (K.I. 18758M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' Novembru, 2014 mill-atturi **Carmel u Grace konjuġi Parnis** (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Carmel Parnis, li jgħid kif ġej:

> *Illi l-attur Carmel Parnis kien jippossjedi b'titolu ta' qbiela porzjon raba' formanti parti mir-raba' denominata bħala l-Għalqa tal-Kbir fil-limiti ta' St. Andrew's.*

*Illi parti oħra minn din ir-raba' kienet fil-pussess ta' ċertu John Spiteri b'titolu ta' qbiela.*

*Illi s-sid ta' din l-art kien il-Gvern ta' Malta u l-qbiela kienet titħallas fl-Uffiċċju Konġunt, liema art sussegwentement ġiet akkwistata minn FRAD Limited.*

*Illi għal ħabta tas-sena 2006 l-attur Carmel Parnis avviċina lil Alfred Vella u ppreponilu sabiex jagħmel talba lill-Gvern ta' Malta sabiex jakkwista l-istess għalqa għall-finijiet ta' żvilupp, b'dan illi l-istess Carmel Parnis kien wera d-dispożizzjoni tiegħu sabiex jirrinunzja għall-qbiela fuq l-istess raba' versu l-korrispettiv ta' mija u disgħa u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€139,762.40), ekwivalenti għas-somma ta' sittin elf lira Maltin (Lm60,000);*

*Illi Alfred Vella qabel mal-proposta li saret lilu minn Carmel Parnis, inkluż mal-ħlas tas-somma ta' mija u disgħa u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Euro u erbgħin ċenteżmu (€139,762.40), b'dan illi fuq struzzjonijiet ta' Alfred Vella l-istess Carmel Parnis kellu javviċina lil John Spiteri sabiex għan-nom ta' Alfred Vella joffrilu s-somma ulterjuri ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm25,000) sabiex l-istess John Spiteri jirrinunzja huwa wkoll għall-qbiela fuq l-istess art;*

*Illi għalhekk kien ġie mifthiem bejn l-attur Carmel Parnis u Alfred Vella li lil John Spiteri ma kellux jingħad illi filwaqt illi huwa kien qiegħed jiġi offert is-somma ta' Lm25,000 Carmel Parnis kien ser jirċievi s-somma ta' Lm60,000;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet kienet saret skrittura li ġġib id-data tal-20 ta' Ottubru, 2006 (kopja ta' liema skrittura ġiet annessa u mmarkata bħala Dok. A*[1]*) li permezz tagħha l-attur Carmel Parnis u John Spiteri obbligaw ruħhom li jirrinunzjaw għall-qbiela u bħala korrispettiv kellhom jirċievu s-somma ta' Lm25,000 kull wieħed;*

*Illi l-iskrittura tal-20 ta' Ottubru, 2006 saret mas-soċjetà FRAD Limited, li tagħha Alfred Vella flimkien ma' ħuh Joseph Vella kienu diretturi;*

*Illi permezz ta' skrittura oħra tat-12 ta' Frar, 2010, kopja ta' liema ġiet annessa u immarkata bħala Dok. B*[2]*, l-attur Carmel Parnis u John Spiteri irrinunzjaw għall-qbiela li kienu jgawdu fuq ir-raba' denominata bħala l-Għalqa tal-Kbir u rċevew mingħand FRAD Limited is-somma ta' tmienja u ħamsin elf mitejn u erbgħa u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€58,234.33) ekwivalenti għas-somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) kull wieħed.*

[1] *A fol.* 6 u 7 tal-proċess u pjanta annessa mal-istess skrittura, *a fol.* 8. Fotokopji tal-aħħar irċevuti tal-ħlas tal-qbiela lill-Gvern ta' Malta kienu annessi wkoll mal-iskrittura, *a fol.* 9 u 10.

[2] *A fol.* 11 tal-proċess u kopja tal-pjanta annessa mal-iskrittura, *a fol.*12

*Illi FRAD Limited naqset madankollu milli tħallas lill-attur Carmel Parnis il-bilanċ fis-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07) minkejja diversi wegħdiet li dan il-ħlas kien ser jitwettaq, dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*Illi għalhekk is-soċjetà FRAD Limited hija debitriċi tal-atturi konjuġi Parnis fis-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07), flimkien mal-imgħaxijiet dekoribbli mit-12 ta' Frar, 2010.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huma debituri tal-atturi fis-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07);*
2 *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu lill-konjuġi Parnis is-somma ta' wieħed u tmenin elf ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u sebgħa ċenteżmi (€81,528,07).*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat kontestwalment, u bl-imgħaxijiet mid-data tat-12 ta' Frar, 2010 sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Frad Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ppreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2014 u maħlufa minn Alfred Vella għan-nom u in rappreżentanza tal-istess, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-pretensjoni tal-atturi konjuġi Parnis fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija ineżistenti, u konsegwentement it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrihom.*

2. *Bl-azzjoni odjerna l-atturi konjuġi Parnis qed jitolbu l-kundanna tas-soċjetà eċċipjenti għall-ħlas lilhom tal-allegat kreditu ta' €81,528,07, skont huma rappreżentanti bilanċ minn somma akbar bħala kumpens sabiex l-atturi jirrinunżjaw għad-dritt ta' qbiela li l-atturi kienu jgawdu fuq ir-raba li jissemma fir-Rikors Ġuramentat.*

3. *Tali pretensjoni hija għalkollox infondata kif hawn taħt illustrat.*

4. *L-attur Carmel Parnis u ċertu John Spiteri kellhom bi qbiela mingħand il-Gvern porzjoni raba kull wieħed magħrufa "Għalqa tal-Kbir" fil-limiti ta' St. Andrews.*

   *Is-soċjetà konvenuta kienet f'negozjati mal-Gvern sabiex hija tixtri l-istess imsemmi raba, però riedet tassikura li jekk tali akkwist iseħħ, ir-raba ma jkun vinkolat bl-ebda titolu ta' qbiela favur terzi. Għalhekk, fl-20 ta' Ottubru, 2006, is-soċjetà konvenut waslet fi ftehim mal-attur Carmel Parnis u mal-imsemmi John Spiteri fis-sens li fl-eventwalità li hija takkwista l-imsemmi raba mingħand il-Gvern, Parnis u Spiteri jirrinunzjaw għad-dritt ta' qbiela li huma kienu jgawdu verso korrispettiv ta' Lm25,000 lil kull wieħed minnhom, għal total ta' Lm50,000. Dan il-ftehim sar permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' Ottubru, 2006, esebita bħala Dok. A mill-atturi.*

   *Effettivament in segwitu s-soċjetà konvenuta akkwistat l-imsemmi raba mingħand il-Gvern u għalhekk permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' Frar, 2010 (esebita bħala Dok. B mill-atturi) l-attur Carmel Parnis u John Spiteri irrinunzjaw a favur is-soċjetà konvenuta għad-dritt ta' qbiela li huma kienu jgawdu, u kull wieħed minnhom irċieva mingħandha s-somma ta' €58,234.33 (ekwivalenti għal Lm25,000) 'Bħala konsiderazzjoni per saldo għal tali rinunzja.'*

5. *Aktar minn erba' snin wara, permezz ta' ittra legali datata 9 ta' April, 2014 (Dok. FD1[3]), is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata mill-konvenut Carmel Parnis sabiex tħallsu s-somma ta' €81,528,07 skont hu 'rappreżentanti bilanċ ta' somma ta' ……. (Lm60,000) li inthom obbligajtu ruħkom tħallsu lis-Sur Parnis għar-rinunzja ta' drittijiet ta' qbiela li huwa kien igawdi fuq il-porzjon raba magħrufha bħala l-Għalqa tal-Kbir fil-limiti ta' St. Andrews.'*

   *Is-soċjetà konvenuta rrispondiet għal dik l-ittra interpellatorja tramite l-legali tagħha permezz ta' ittra datata 6 ta' Mejju, 2014 (Dok. FD 2[4]). B'tali ittra s-soċjetà konvenuta rrispondiet illi l-kumpens mifthiem bl-iskrittura privata tal-20 ta' Ottubru, 2006 kien tħallas kollu.*

6. *Minn dak premess isegwi li l-pretensjoni tal-atturi konjuġi Parnis (recte) fil-konfront tas-soċjetà konvenuta hija għal kollox infondata, u konsegwentement it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontrihom.*

---

[3] *A fol.* 21.
[4] *A fol.* 22.

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Alfred Vella** (minn issa 'l quddiem "il- konvenut") li ġiet ppreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2014 u li biha eċċepixxa:

1. *Illi huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra tiegħu, għaliex fil-kuntest tal-meritu tal-kontestazzjoni odjerna hu ma għandu l-ebda rapport ġuridiku magħhom. Dan del resto jirriżulta ammess mill-istess atturi fir-Rikors promotorju tagħhom.*
2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' April, 2015 fejn ċaħdet ir-rikors tal-konvenuti li talbu l-isfilz tal-affidavits tal-attur Carmel Parnis u ta' ibnu Matthew Parnis abbażi tal-prinċipju *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur*. Dan stante li skont il-ġurisprudenża rikka tal-Qrati tagħna, tali prinċipju mhux assolut fl-applikabbilità tiegħu, tant hu hekk f'ċerti każijiet dan il-prinċipju jiġi soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet fejn jiġi mwarrab għal raġunijiet speċifiċi. L-ekwità nnifisha tiddetta li kull każ jiġi eżaminat skont il-fattispeċje tiegħu u għaldaqstant ma jistgħux ikunu identifikati *a priori* minn qabel dawk

l-istanzi speċifiċi fejn jista’ jiġi permess li jitressqu provi kontra kitba fejn ikun tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali jew fejn dak li jinsab reġistrat fl-att ma jkunx jirrispekkja eżatt dak li seħħ fil-verità. Dan l-eżami il-Qorti tista’ tagħmlu biss wara li jitressqu l-provi u għaldaqstant ċaħdet it-talba tal-konvenuti bħala intempestiva u prematura f’dak l-istadju meta l-atturi kienu għadhom bdew iressqu l-provi tagħhom.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta’ Ġunju, 2015 fejn ċaħdet rikors ieħor tal-konvenuti għal permess speċjali biex jappellaw mid-digriet tat-30 ta’ April, 2015 *ai termini* tal-Artikolu 229 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u dan minħabba li ma ngabu ebda raġunijiet validi biex jiġġustifikaw it-talba tagħhom għall-permess speċjali sabiex jitħallew jappellaw issa mid-digriet imsemmi minflok wara s-sentenza definittiva.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta’ April, 2017 fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta’ sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz ta’ skrittura privata datata 20 ta’ Ottubru, 2006 bejn is-soċjetà konvenuta min-naħa waħda u l-attur Carmel Parnis u John Spiteri min-naħa l-oħra, kien ġie miftiehem illi f’każ li s-soċjetà konvenuta takkwista mingħand il-

Gvern għal skopijiet ta' żvilupp ir-raba magħruf bħala "l-Għalqa tal-Kbir" fil-limiti ta' St Andrews ta' ċirka sitt itmiem, l-attur Carmel Parnis u John Spiteri kellhom jirrinunzjaw għall-qbiela li kull wieħed minnhom kien igawdi fuq partijiet differenti ta' din l-art u dan għall-ħlas mis-soċjetà konvenuta tas-somma ta' LM25,000 lil kull wieħed minnhom.

Permezz ta' skrittura oħra bejn l-istess partijiet datata 12 ta' Frar, 2010, sar riferiment għall-iskrittura tal-20 ta' Ottubru, 2006 u effettivament l-attur Carmel Parnis u John Spiteri rrinunzjaw b'effett immedjat għall-qbiela u in konsiderazzjoni *per saldo* għal tali rinunzja, kull wieħed minnhom tħallas mis-soċjetà konvenuta s-somma ta' €58,234.33, ekwivalenti għal Lm25,000.

F'din il-kawża l-attur Carmel Parnis qiegħed jallega li l-veru ftehim (verbali) bejnu u bejn il-konvenut Alfred Vella kien li effettivament hu kellu jitħallas għar-rinunzja ta' sehmu mill-qbiela fuq parti mill-art inkwistjoni mhux is-somma ta' Lm25,000 li ġiet imsemmija fiż-żewġ skritturi, iżda s-somma ta' Lm60,000. L-attur kellu wkoll javviċina lil John Spiteri sabiex għan-nom ta' Alfred Vella joffrilu somma ta' Lm25,000 sabiex Spiteri jirrinunzja għall-qbiela li kellu fuq l-parti l-oħra tal-istess art. Skont l-attur hu u Alfred Vella kienu ftiehmu wkoll illi ma kellux jingħad lil John Spiteri illi filwaqt li dan kien qiegħed jiġi offrut is-somma ta' Lm25,000, l-attur kien ser jirċievi s-somma ta' Lm60,000. Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu mingħand il-konvenuti jew min minnhom, il-ħlas tal-bilanċ ta' Lm35,000 (ekwivalenti għal €81,528.07) allegatament dovut lilhom għar-rinunzja tal-qbiela. Fillwaqt li s-soċjetà konvenuta tinnega li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim verbali differenti mill-iskritturi fuq imsemmijin, il-konvenut Alfred Vella qiegħed jitlob li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hu personalment ma kellu

ebda rapport ġuridiku mal-attur peress li ż-żewġ skritturi privati kienu saru mas-soċjetà konvenuta.

**Provi u riżultanzi**

L-attur **Carmel Parnis** fix-xhieda tiegħu jispjega[5] li kienet teżisti relazzjoni ta' fiduċja kbira bejnu u bejn Alfred Vella, u din kienet tmur lura għal 45 sena li kienu jafu lil xulxin u lill-familji rispettivi tagħhom. L-attur isemmi kif darba fl-2006 Alfred Vella kien il-bank fejn l-attur kien jaħdem u ġie d-diskors fuq din l-art li kellu qbiela fuqha. L-attur lill-konvenut kien qallu li kien qed jitħajjar jixtri l-art hu stess mingħand il-Gvern, imma peress li l-prezz seta' jkun għoli, kien ukoll ikkunsidra offerta li saritlu minn terz biex jirrinunzja għall-qbiela fuq din l-art. L-attur jgħid ukoll li l-konvenut kien imħajjar li jakkwista din l-art u kien ħadu jaraha u kienu ftiehmu biex lilu jagħtih Lm60,000 għar-rinunzja tal-qbiela imbasta jikkonvinċi lill-bidwi li kellu l-qbiela fuq il-parti l-oħra tal-għalqa, biex ukoll jirrinunzja għall-qbiela tiegħu għas-somma ta' Lm25,000. Carmel Parnis jgħid ukoll illi biex il-bidwi ma jitħajjarx jitlob aktar għal sehmu, quddiem dan il-bidwi kellhom juru li anki l-attur kien ser jieħu Lm25,000, mentri wara l-konvenut kellu jirranġa mal-attur għall-ħlas tal-bilanċ ta' Lm35,000. Mid-dokumentazzjoni li ppreżenta l-attur jirriżulta li l-art bejnu u bejn John Spiteri kienet tal-kejl komplessiv ta' ċirka 6,136 metri kwadri, kienet f'żona ta' żvilupp u kellha ppjantati fuqha mill-Perit Kirsten Micallef tmien villel b'veduti fuq il-wied.

[5] Affidavit *a fol.* 36 sa 39.

Carmel Parnis jgħid li kienu ltaqgħu lkoll għand Alfred Vella, ċjoè hu, John Spiteri, Alfred Vella u Joseph Vella u l-Avukat Dr Aldo Vella u saret l-ewwel skrittura tal-20 ta' Ottubru, 2006 għas-somom li kienu ftiehmu li ser jidhru, u ċjoè Lm25,000 għalih u Lm25,000 għal John Spiteri. L-attur jispjega li meta kien sar l-ewwel ftehim verbali, dan kien sar ma' Alfred Vella personalment, li kien ipproponielu li lest iħallsu Lm60,000, iżda meta sar il-ftehim bil-miktub, dan kien sar mas-soċjetà konvenuta u kien għalhekk li f'din il-kawża ħarrek lit-tnejn.

L-attur jgħid li fl-erba' snin ta' wara li kienu ffirmaw l-iskrittura tal-20 ta' Ottubru, 2006, hu u John Spiteri ma semgħu xejn ta' sustanza mingħand Alfred Vella. Carmel Parnis jgħid li s-soċjetà konvenuta akkwistat l-art mingħand il-Gvern fil-5 ta' Marzu, 2008, iżda fil-frattemp Alfred Vella dejjem kien jgħidlu li kellu diffikultajiet finanzjarji. Kif jirriżulta min-nota tal-Insinwa[6] ppreżentata mill-attur, is-soċjetà konvenuta fil-11 ta' Frar, 2010 biegħet parti minn din l-art tal-kejl ta' 798.53 metri kwadri lill-Avukati Dr Tonio Ellul u Dr Anne Louise Cachia Caruana, għall-prezz ta' €700,000. L-għada fit-12 ta' Frar, 2010 saret it-tieni skrittura privata fejn l-attur u John Spiteri tħallsu s-somma ta' Lm25,000 kull wieħed u kif kien miftiehem, fil-preżenza ta' John Spiteri il-bilanċ li kien fadallu jieħu l-attur ma kienx issemma.

L-attur jgħid li l-konvenut kien baqa' jmur l-bank fejn kien jaħdem l-attur, iżda kien ivarjabbilment iġib l-iskuża ta' nuqqas ta' likwidità biex iħallas. Carmel Parnis isemmi okkażjoni fejn Alfred Vella bħala parti mill-ħlas li kien wegħdu, kien offrielu quddiem it-tifel tiegħu Matthew Parnis, garaxx żgħir f'Ta' Paris, Birkirkara. Il-konvenut kien qallu li dawn il-garaxxijiet kienu qegħdin jinbiegħu

[6] *A fol.* 42 sa 46.

għal Lm8,500, però t-tifel tiegħu kien sar jaf li dawn il-garaxxijiet kienu jiswew madwar Lm6,500. L-attur kien qal lill-konvenut li kien dispost li jieħdu dan il-garaxx, però mhux għas-saldu tas-somma kollha dovuta lilu ta' Lm35,000.

L-attur jgħid li wara l-konvenut beda jevitah. Carmel Parnis isemmi meta darba qagħad jistenna lill-konvenut in-Naxxar ħdejn barriera operata minnu u min ħuh Joseph Vella, però l-konvenut injorah u meta ħallielu risposta ma' ħuh, dan wara qallu li l-konvenut qed jgħid li l-attur kien tħallas kulma kellu jieħu għar-rinunzja tal-qbiela. L-attur fix-xhieda tiegħu jsemmi skużi oħrajn li kien iġiblu l-konvenut biex jipprolunga l-ħlas, sakemm fl-aħħar il-konvenut qallu li kien tħallas ta' kollox li kien hemm bil-miktub u wara l-ittra uffiċjali li bagħat lilu u lis-soċjetà konvenuta fid-29 ta' April, 2014, it-tweġiba tal-konvenuti kienet li hu kien tħallas kollox.

L-attur ippreżenta diversi estratti mir-riċerki tal-Insinwa li huwa għamel[7] li juru li fir-rigward ta' din l-art li kienet inxtrat mis-soċjetà konvenuta bil-prezz ta' €1,281,155.37, kienu diġà inbiegħu sitt *plots* mit-tmienja ippjantati, u ta' dawn hija kienet diġà daħħlet is-somma ta' €3,339,660.

In kontroeżami[8] l-attur qal li hu kien bankier qabel ma ħareġ bil-pensjoni. Meta ġie muri l-ewwel skrittura tal-2006 u mistoqsi xi tfisser għalih, hu qal li din ma tirriflettix dak li kien ġie fil-fatt miftiehem mal-konvenut. Għal dan il-ftehim verbali kien hemm huma t-tnejn biss, ċjoè hu u l-konvenut. Irrispettivament mill-iskrittura privata li tistrieħ fuqha s-soċjetà konvenuta, l-attur jinsisti li l-ftehim għamlu mal-konvenut f'ismu personali. L-ewwel

[7] *A fol.* 49 sa 76.
[8] *A fol.* 147 sa 153.

skrittura privata kienet tgħid li l-flus kellhom jitħallsu hekk kif is-soċjetà konvenuta tixtri l-għalqa. Kwantu għat-tieni skrittura privata, l-attur jgħid li kien jaf li l-ħlas imsemmi ta' Lm25,000 kien imniżżel *per saldo,* però jgħid li kif telaq John Spiteri, fil-preżenza tal-avukat Dr Aldo Vella kien qal lil Alfred Vella, biex ma jinsiex għall-kumplament. Meta l-Avukat Aldo Vella rribatta li ma sar ebda diskors bħal dan quddiemu, l-attur qal mela forsi beda jinsa issa li kien pensjonant, iżda żgur qalha lill-konvenut u jiftakar sew li l-konvenut wieġbu, "tikkonfondi xejn."

Mistoqsi jekk bħala esperjenza tiegħu ta' *bank manager* jarax diskrepanza bejn l-iskritturi u dak li qed jgħid, l-attur baqa' jinsisti li l-ftehim mal-konvenut kien li l-iskrittura turi Lm25,000 għax hekk ried il-konvenut biex ma jkollux iħallas lil John Spiteri daqskemm wiegħed lilu, però kellu l-kelma tiegħu li lilu kellu jagħtih Lm60,000. Fl-aħħar tal-kontroeżami ngħad:

> "Dr. Aldo Vella : Jiġifieri l-morali kollha ta' dak li xhedt inti hu li meta iffirmajt l-ewwel u t-tieni skrittura kont taf x'qiegħed tiffirma, taf li hemm miktub *per saldo*, però qed tgħidilna li kien hemm arranġament sigriet li ma kienx jaf bih Spiteri u ma kontx naf bih jien, bejnek u bejn Alfred Vella.
>
> Xhud : Iva
>
> Qorti : Int ma ħassejtx il-bżonn tagħmel skrittura oħra *back to back*?
>
> Xhud : Nifhem .... kont nagħmilha. Imma kif għidt ukoll, jien lis-Sur Vella kont ilni nafu ħamsa u erbgħin sena kont nittrattah bħala ħija. Kieku kelli każ ieħor qabel ma ngdimt, naħseb kont nafdah ukoll."

In rieżami fuq domanda tal-Qorti l-attur jgħid li kien hu li ttratta ma' John Spiteri u għadda l-offerta tal-konvenut lil John Spiteri, li aċċettaha. L-attur

jgħid ukoll li kienet idea tal-konvenut li lil Spiteri ma jgħidulux li hu kien ser jitħallas aktar.

Xehed **Matthew Parnis**[9], it-tifel tal-attur li kkonferma l-okkażjoni meta mar apposta ma' missieru biex ikun xhud li l-konvenut kien qed joffrilu garaxx għax kellu jagħtih. Dan ix-xhud jgħid li kien jaf li missieru kien diġà rċieva Lm25,000 biex joħroġ mill-għalqa inkwistjoni. Matthew Paris jgħid li kien evidenti li Alfred Vella kien qed jurih dan il-garaxx sabiex iħallas dak li kellu jagħti lil missieru.

Xehed ukoll il-prokuratur legali **Quentin Tanti**[10] in rappreżentanza tal-MFSA li kkonferma li s-soċjetà konvenuta FRAD Limited (C37848) ġiet reġistrata fl-20 ta' Jannar, 2006 u d-diretturi tagħha kienu minn dejjem Alfred Vella u Joseph Vella ħlief għal perjodu bejn it-23 ta' Lulju, 2014 u l-11 ta' Diċembru, 2014 fejn Alfred Vella kien irriżenja min direttur u wara reġa' ġie riappuntat. Ix-xhud esebixxa l-*articles* u l-*memorandum of association* tal-istess soċjetà konvenuta u l-formoli rilevanti dwar tibdil fid-diretturi u sar riferiment għall-artikolu 8 tal-*Memorandum of Association* fejn ir-rappreżentanza ġudizzjarja u legali tas-soċjetà konvenuta kienet *'in any one director.'* Id-diretturi ta' din il-kumpannija setgħu wkoll jappuntaw lil min iridu biex jirrappreżenta lill-kumpannija f'każijiet partikulari.[11]

[9] *A fol.* 48.
[10] Xhieda tiegħu *a fol.* 79 sa 81.
[11] *A fol.* 83 sa 96.

Xehed ukoll il-konvenut **Alfred Vella** in subizzjoni[12], li qal li lill-attur veru kien ilu jafu, però dejjem għax kien jinqeda bih bħala bankier, mhux għax kien jafu b'mod personali. Il-konvenut jgħid illi kien sar jaf bl-għalqa mingħand l-attur stess. Alfred Vella jgħid li wara li kienet saret l-iskrittura, l-attur kien ried iktar flus. Il-konvenut jgħid li meta kien qed jinnegozja mal-attur, l-attur kien bankier u kien jaf sewwa li hu jinnegozja dejjem f'isem kumpanniji. Il-konvenut jinsisti li meta l-attur ried iktar flus, kien jgħidlu biex ipoġġi l-ammont fl-iskrittura. Mistoqsi mill-Qorti, li biex l-ammont ipoġġih fl-iskrittura kellu bżonn il-kunsens tal-parti l-oħra fl-iskrittura[13], hu wieġeb minflok li "skont ma qal hu stess (l-attur), dan biex jevadi t-taxxi." Meta l-konvenut reġa' ġie mistoqsi jekk hu qabilx li l-attur jingħata aktar flus, l-ammont li l-attur qed jitlob fil-kawża, il-konvenut wieġeb:

> "Le jien mhux qed ngħid li qbilt. Jien qed ngħid poġġihom fl-iskrittura. ...
>
> Dawk l-ammonti li qed jgħid is-Sur Parnis ma nafx minn fejn, l-ammont issemma u l-parti tiegħu li ried dejjem għidtlu nizzilha fl-iskrittura u meta l-iskrittura jien urejtilu, lili dakinhar ma qallix jien il-parti tiegħi li ħa nieħu iżjed ma qallix biex inniżilielu hemm. La qalli ħaġa u lanqas oħra. Dakinhar ma tkellem xejn. ...
>
> U żgur li ninnegah. Dan dejjem talab xi ħaġa iżjed imma jien dejjem għidtlu poġġih fl-iskrittura."[14]

Il-konvenut Alfred Vella jgħid ukoll li kien mar għand l-attur bħala bankier biex jissellef il-flus biex jixtri l-istess għalqa, iżda ma kienx inqeda. Alfred Vella jgħid li l-attur l-ewwel xtaq li jidħol sħab għax kellu xi flus li għalqulu u l-konvenut spjegalu li hu jaħdem b'kumpanniji. Il-konvenut jgħid li kien mar għand l-attur

[12] *A fol.* 157 sa 166 u 171 sa 181.
[13] *A fol.* 159.
[14] *A fol.* 160.

għas-self f'Jannar tat-2008 bil-*projections* tal-perit tiegħu.[15] Il-konvenut jammetti li meta darba l-attur kien mat-tifel tiegħu, kien offrielu garaxx u qal li kien offrihulu tant kemm kien dejqu jiġri warajh għall-flus.[16] Dan il-garaxx kien jappartjeni lis-soċjetà Fithome, kumpannija tiegħu u ta' ħutu. Meta baqgħu jsirulu domandi kif offra garaxx lil xi ħadd għax sempliċement beda idejqu għal flus, Alfred Vella żied jgħid ukoll li offrihulu biex ma jtellgħux il-Qorti.[17]

Dwar l-ewwel skrittura li kienu ffirmaw, il-konvenut jgħid li kien ta kopja tagħha lill-attur hu stess qabel ma ffirmaha. Alfred Vella jgħid li l-attur u Spiteri tħallsu sentejn wara li s-soċjetà konvenuta xtrat l-art għax il-ftehim kien li dawn jitħallsu meta s-soċjetà konvenuta tidħol bl-għodda fl-għalqa.

Xehed ukoll **Joseph Vella**[18] li qal li kien ilu jaf lill-attur bħala bankier madwar 40 sena, però anki missierhom kien bankier u b'hekk il-familji tagħhom kienu jafu lil xulxin. Joseph Vella jammetti li fin-negozjati inizjali hu ma kienx involut u kien Alfred Vella biss li kien qed jinnegozja f'dak l-istadju.[19] Joseph Vella jammetti li l-attur kien qallu li ma' ħuh kien ftiehem ammont akbar u qal li l-attur kien semmielu li qed jippretendi xi sittin jew sebgħin elf ewro. Ix-xhud jgħid li jaf li lill-attur kienu offrewlu garaxx li kellhom Ta' Paris fuq konvenju, li kien jiswa madwar għaxart elef lira Maltin. Ix-xhud jgħid li kienu ħallsu lill-attur u lil John Spiteri sentejn wara li xtraw l-art għax qal li kien hemm xi ftehim bejn l-konvenuti u l-attur dwar dan.

---

[15] Dawn il-*projections* jinsabu esebiti *a fol.* 167 sa 169.
[16] *A fol.* 166.
[17] *A fol.* 180.
[18] *A fol.* 182 sa 191.
[19] *A fol.* 184.

Fix-xhieda tiegħu **Dr Aldo Vella**[20] spjega li lill-attur u lil John Spiteri ma kienx jafhom qabel ma ġiet iffirmata l-ewwel skrittura privata. Huwa kien ġie inkarigat jirrediġi l-ewwel ftehim mill-konvenut u kien abbozza l-ftehim fuq dak li kien qallu l-konvenut li kellu jkun il-ftehim u kien għadda kopja tal-abbozz lill-konvenut. Dr Aldo Vella jgħid li meta l-partijiet iffirmaw l-iskrittura privata fl-20 ta' Ottubru, 2006, ma kien sar ebda diskors ieħor quddiemu. Fl-2010 kien ċempillu l-konvenut u qallu li kienu waslu biex ssir it-tieni skrittura għax kienu xtraw l-art u rrediġa l-iskrittura tat-12 ta' Frar, 2010. Dr Vella jiftakar li kienu saru l-ħlasijiet permezz ta' *bank draft* u ma kien hemm ebda diskors dwar xi ftehim oltre dak. In kontroeżami Dr Vella jikkonferma li meta ltaqgħu l-uffiċċju ta' Alfred Vella biex jiffirmaw l-iskritturi, minbarra l-attur, kien hemm ukoll John Spiteri u ma jiftakarx li f'xi mument l-attur kien waħdu miegħu u mal-konvenut ad esklużjoni ta' John Spiteri.

Xehed ukoll **John Spiteri**[21] li qal li kien avviċinah l-attur waqt funeral u staqsieh jekk kienx lest li jċedi l-parti tal-għalqa li kienet għandu bi qbiela lil xi ħadd li kien interessat. L-attur kien issuġġerixxa madwar Lm4,000 bħala kumpens biex iċedu l-qbiela u hu kien qallu ftit wisq u ftiehmu li jitolbu kull wieħed minnhom Lm25,000.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Tqis illi dak li jħoll u jorbot f'dan il-każ hija l-kredibbiltà tax-xhieda. Din il-Qorti terġa' tagħmel riferiment għas-sentenza preliminari tagħha stess f'din il-kawża tat-30 ta' April, 2015, ingħad li:

[20] *A fol.* 194 sa 198.
[21] *A fol.* 202 sa 204.

> "Illi għalkemm il-prinċipju legali *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur* ġie stabbilit antikament mid-Dritt Ruman u kien ilu jiġi segwit minn żmien twil ilu mill-Qrati tagħna, ma jfissirx li dan il-prinċipju legali huwa wieħed assolut fl-applikabbilità tiegħu, tant hu hekk f'ċerti każijiet dan il-prinċipju jiġi soġġett għal eċċezzjonijiet fejn jiġi mwarrab għal raġunijiet speċifiċi peress li kull każ għandu jiġi eżaminat skont il-fattispeċje tiegħu."

Wara li ngħatat rassenja sħiħa tal-ġurisprudenza nostrali dwar il-materja, ġie konkluż illi:

> "L-ekwità nnifisha tiddetta li "kull każ għandu jiġi eżaminat skont il-fattispeċje tiegħu"[22] u għaldaqstant ma jistgħux ikunu identifikati *a priori* minn qabel dawk il-każijiet speċifiċi fejn jista' jiġi permess li jitressqu provi kontra kitba fejn ġie eskluż xi patt għal xi raġuni speċjali jew fejn dak li jinsab reġistrat fl-att ma jkunx jirrispekkja eżatt dak li seħħ fil-verità.
>
> Sabiex il-Qorti tkun f'qagħda li tiddetermina jekk fi skrittura partikolari jkunx tħalla barra xi patt għal xi raġuni speċjali jew jekk dak li jinsab reġistrat f'att jirrispekkjax eżatt dak li seħħ fil-verità, trid ċertament l-ewwel tisma' u tieħu konjizzjoni tal-provi kollha biex imbagħad tiddeċiedi skont il-prinċipji bbażati fuq il-ġustizzja u l-ekwità jekk tagħtix widen għat-testimonji kontra l-kitba, inkella toqgħodx biss fuq dak li hemm miktub fl-att."

Illi huwa proprju dan li ser tagħmel il-Qorti f'dan l-aħħar stadju ta' din il-vertenza. Il-veru eżerċizzju li jrid jitwettaq mill-Qorti huwa li jiġu mgħarbla sew il-provi kontrastanti biex jiġi stabbilit liema hi l-verżjoni vera miż-żewġ verżjonijiet konfliġġenti. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li

[22] Vol.XXIX.ii.1090.

jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja.[23] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet.[24] Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Illi kif kien ingħad mill-Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[25]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli

[23] **Borg *vs*. Bartolo,** App. Inf., 25.06.1980.
[24] Ara wkoll **Caruana *vs*. Laurenti**, P.A., 08.04.1994, **Borg *vs*. *Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs*. Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs*. Petrococchino,** App. Kumm., 25.02.1952.
[25] **Carmelo Farrugia *vs*. Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966.

għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[26]"

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella *pro et noe vs.* Richard Vella**[27] ġie ritenut li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

[26] Ara wkoll **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***, P.A., 09.12.2011.
[27] Q.A., 05.10.2001.

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[28] fejn ingħad illi:

> "In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:
>
> a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.
>
> b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;
>
> ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;
>
> d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni –

[28] App. Inf., 12.04.2007.

> Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal *noe vs.* Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino *pro et noe vs.* Joseph u Charles Fino**[29] ngħad ukoll:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri *vs.* Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit *vs.* Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo *vs.* C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".

Tqis fl-aħħar nett il-prinċipju legali li jekk xhud wieħed jiġi emmnut, dan jista' jkun biżżejjed għall-Qorti. Wara kollox anki fil-kamp tad-dritt kriminali fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant mhux biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, imma irid ikun ogħla minn hekk u lil hinn minn kull dubju ddettat mir-raġuni, xhud wieħed jista' jkun biżżejjed, jekk jikkonvinċi lill-Qorti dwar il-kredibilità tax-xhieda tiegħu:[30]

> "Issa, ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, jekk emmnut, hija biżżejjed biex tikkostitwixxi prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun ġie pruvat minn żewġ xhieda jew aktar[31]. U kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f'każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji*

[29] Q.A. (Sede Superjuri), 24.09.2004.
[30] Qorti tal-Appell Kriminal, 28.09.2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Marco Bugeja**.
[31] Ara l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".*[32]

Illi l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 fil-fatt jgħid:

" … f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."

Tali kunsiderazzjoni legali għandha tapplika aktar u aktar fil-kamp tad-dritt ċivili fejn il-livell ta' konvinċiment fil-ġudikant biżżejjed li jkun ibbażat fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.[33]

Illi fil-kawża odjerna l-attur jgħid li huwa istitwixxa dawn il-proċeduri kemm kontra s-soċjetà konvenuta għax din kienet dehret fuq l-iskritturi privati kif ukoll kontra l-konvenut Alfred Vella għax kien hu li allegatament kien wiegħed lill-attur ħlas oltre dak li kien stipulat fl-iskritturi, bl-iskop li l-parti l-oħra fil-ftehim, il-bidwi John Spiteri ma jmurx jitħajjar għall-istess somma li allegatament kienet ġiet imwegħda bil-fomm lill-attur. L-attur jgħid li meta kien ikkontratta mal-konvenut, dan ma kien semmielu ebda kumpannija, imma negozju li kien mħajjar jagħmel hu personalment. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu jgħid biss li assuma li bħala bankier l-attur kellu jkun jaf li l-kuntatti li kien qed jagħmel miegħu kienu f'isem kumpannija. L-attur ma ressaq ebda prova jekk d-direttur l-ieħor tas-soċjetà konvenuta Joseph Vella kienx effettivament jaf bil-ftehim li sa dan l-istadju, allegatament kien intlaħaq bejn il-konvenut u l-attur dwar is-somma ta' Lm60,000 għar-rinunzja tal-qbiela

[32] Ara wkoll Appell Kriminali ***The Police vs*. Graham Charles Ducker,** 19.05.1957.

[33] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Alfred Aquilina *et vs.* L-Avukat Dottor Alessandro Lia *et noe et,*** 13.03.2017.

tiegħu fuq l-art *de quo.* Allura f'dan l-allegat ftehim bejn l-attur u l-konvenut, is-soċjetà konvenuta ma kinitx involuta, ossija ma tressqet ebda prova daparti tal-attur dwar l-involviment tagħha u l-Qorti ma tistax tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq sempliċi insinwazzjonijiet jew spekulazzjonijiet u kif ingħad fis-sentenza **Dr H. Lenicher *vs.* J. Camilleri:**[34]

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu".
>
> Hekk ukoll hawn mhux qed jingħad li effettivament ma sarx xi manuvrar biex jiġi evitat li l-vapur jinqabad għad-djun preċedenti, iżda sempliċement li dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat mis-soċjetà attriċi."

Għaldaqstant it-talbiet tal-attur ma jistgħux jiġu indirizzati kontra s-soċjetà konvenuta u li għandha għalhekk tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tal-atturi. Però min-naħa l-oħra l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut li jiġi liberat mill-osservanza ma tistax tiġi milqugħa stante li l-atturi qegħdin jibbażaw l-pretensjoni tagħhom fuq l-allegat ftehim milħuq bejn l-attur u l-konvenut personalment.

Din il-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa x-xhieda kollha u applikat għall-fattispeċje ta' din il-kawża l-prinċipji legali li jitnisslu mill-ġurisprudenza fuq ikkwotata, sejra teżamina jekk mix-xhieda prodotta mill-partijiet tistax tasal għall-konvinċiment morali li tabilħaqq oltre s-somma msemmija fl-iskritturi, l-

[34] P.A., 31.05.1972.

attur kienx ġie mwiegħed somma akbar għar-rinunzja tiegħu tal-qbiela, liema somma però kellha tinżamm mistura mill-bidwi John Spiteri. Dan tal-aħħar fix-xhieda tiegħu[35] deher li kien jimpurtah biss mis-somma li kien innegozja hu u ma kienx jimpurtah jekk l-attur kienx ser jitħallas aktar minnu, tant li jgħid "... jekk l-ieħor ittih ma jiddispjaċinix, ittih kemm ittih għax dak hu ġabni hawn."

Tqis illi rinfaċċjata b'verżjonijiet dijamettrikament opposti għal xulxin, f'dan il-każ lanqas ma jista' jinstab konfort fix-xhieda ta' terzi persuni. Iben l-attur, Matthew Parnis, effettivament jistrieħ ħafna fuq dak li kien qallu missieru, għalkemm ix-xhieda tiegħu safejn tikkorrabora li l-konvenut Alfred Vella kien offra lill-attur li jittrasferilu garaxx f'Ta' Paris, xi ħaġa li *del resto* jammettieha anki l-konvenut innifsu, tista' titqies bħala prova li mal-attur il-konvenut kien ftiehem fuq somma akbar minn dik li kienet dehret fuq l-iskritturi inkwistjoni bħala korrispettiv għar-rinunzja tal-qbiela.

Min-naħa l-oħra l-Avukat Dr Aldo Vella li kien irrediġa l-iskritturi imsemmija, u kien abbozza l-ftehim fuq dak li kien qallu l-konvenut li kellu jkun il-ftehim, ma kienx parteċipi f'ebda stadju fit-taħdidiet inizjali li kienu seħħew bejn l-attur u l-konvenut. Anżi in kontroeżami Dr Vella jgħid li huwa qatt ma kien fil-preżenza tal-attur fl-assenza ta' John Spiteri, li skont l-attur ma kellux tiġi żvelata quddiemu s-somma vera li kienet ser titħallas lill-attur.

Allura kollox jiddependi fuq il-verżjonijiet mogħtija mill-attur u mill-konvenut. L-attur ittenta kawża pjuttost diffiċli peress li ma kellu ebda provi dokumentarji ta' xejn in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu billi qagħad fuq il-

[35] *A fol.* 203.

kelma għax kien tabilħaqq jafda lill-konvenut. Filwaqt li l-attur qal li hu u l-konvenut kellhom relazzjonijiet kważi ta' bejn l-aħwa, dan ġie innegat mill-konvenut, li però sa ċertu punt ġie mgiddeb minn ħuh stess Joseph Vella, li xehed li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet tmur lura madwar erbgħin sena għax missierhom ukoll kien bankier bħall-attur u l-familji tagħhom kienu jiffrekwentaw lil xulxin.

Tqis illi l-attur kien konsistenti u kredibbli fix-xhieda tiegħu, mhux bħall-konvenut li kien pjuttost vag u xi kultant evażiv fit-tweġibiet tiegħu. Dak li stqarr il-konvenut li l-attur ma kienx semmielu somma fissa li dan kien qed jippretendi li jitħallas aktar, ġie kontradett mix-xhieda ta' ħuh stess Joseph Vella, li qal li l-konvenut kien effettivament semmielu somma akbar li kien qed jippretendi li jitħallas l-attur. Meta l-konvenut xehed in subizzjoni, fir-rigward tal-pretensjoni tal-attur biex dan jitħallas somma akbar, il-konvenut flok ma rrefera lill-attur għall-ħlas ta' Lm25,000 miftiehem fl-iskritturi, beda jgħidlu biex din is-somma ulterjuri titniżżel fil-ftehim, għad illi biex din titniżżel fil-ftehim, kien meħtieġ sintendi il-kunsens tal-konvenut jew tas-soċjetà konvenuta.

Meta l-konvenut ammetta li kien offra lill-attur li jagħtih garaxx biex ma jkomplix idejqu jitolbu aktar flus u biex ma jtellgħux il-Qorti, tqis illi din assolutament mhijiex raġuni kredibbli u konvinċenti, għax jekk tassew il-konvenut ma kienx ftiehem mal-konvenut fuq somma akbar minn dik indikata fl-iskritturi, dan mhux talli ma kienx joffrilu garaxx b'xejn, imma x'aktarx kien jirrappurtah lill-Pulizija. Dan jgħodd aktar u aktar għall-konvenut li huwa persuna imdaħħal sew fin-negozju u ċertament huwa inqas suxxettibbli għal

pressjonijiet bħal dawn, speċjalment meta jkunu bla ebda bażi. Dan il-fatt waħdu kkonvinċa lill-Qorti li l-konvenut Alfred Vella fil-fatt kien obbliga ruħu li jħallas lill-attur is-somma pretiża minnu fir-Rikors Maħluf. Tqis għalhekk li l-atturi irnexxielhom jippruvaw it-talbiet tagħhom sal-grad probatorju rikjest mil-liġi.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti qiegħda:**

**(1) Fl-ewwel lok tiċħad it-talbiet kollha tal-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta FRAD Limited u tillibera lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, b'dan li l-ispejjeż tas-soċjetà konvenuta għadhom jiġu sopportati mill-atturi Carmel u Grace Parnis;**

**(2) Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Alfred Vella;**

**(3) Tiddikjara li l-konvenut Alfred Vella hu debitur fil-konfront tal-atturi fis-somma ta' wieħed u tmenin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u seba' ċenteżmi (€81,528.07);**

**(4) Tikkundanna lill-konvenut Alfred Vella jħallas lill-atturi s-somma ta' wieħed u tmenin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin Euro u seba' ċenteżmi (€81,528.07), bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut Alfred Vella, għajr għal dawk tas-soċjetà konvenuta FRAD Limited kif fuq imsemmi.**

Moqrija.